# L-ISTORJA TAS-SALIB

*(3 ta' Mejju)*

F'għadd ieħor ta' din ir-Rivista: "Leħen l-Art Imqaddsa" (April-Ġunju tas-sena l-oħra, 1955) inkiteb fuq kif Santa Liena sabet is-Salib ta' Kristu. Imma x'ġara mis-Salib, wara li sabitu Santa Liena? Fuq dan sa nitkellmu l-lum.

Meta Santa Liena marret Ġerusalem u sabet is-Salib taħt it-tlellix tal-*Forum* ta' Aelia Capitolina, kif kien semmieha Adrijanu lil Ġerusalem, meta bnieha mill-ġdid, wara li qalgħetu minn taħt l-istatwi ta' Venus u Jupiter, nasbitu għal xi żmien għall-qima ta' l-Insara mbagħad bagħtet biċċa minnu lill-Belt ta' Kostantinopli u biċċa oħra Ruma, iż-żewġt ibliet il-kbar ta' l-Imperu Ruman. Imma l-biċċa l-kbira, il-waqqafa, ħallietha Ġerusalem.

Fis-sena 326 Santa Liena bdiet il-bini taż-żewġ knejjes kbar, l-Anastasis u l-Martyrion, waħda fuq il-Qabar ta' Kristu, u l-oħra fuq il-ġiebja fejn insab is-Salib, imma l-blata tal-Kalvarju tħalliet barra, mikxufa, imdawwra b'xatba tal-fidda, fil-ġenb, bejn iż-żewġ knejjes li semmejna fuq. Il-waqqafa tas-Salib qegħditha aktarx ġewwa knisja mħaffra fil-blat taħt il-Martyrion, b'kull għożża magħluqa ġewwa kaxxa, bħal fosdqa, tal-fidda, tlellex bil-ħaġar ta' siwi kbir. Dawn il-knejjes kienu mżanżnin u mberkin minn Makarju, l-Isqof ta' Ġerusalem fis-sena 335. Hemm, għadd kbir ta' Insara kienu jersqu ta' kull jum, jitolbu u jbusu l-Għuda Mqaddsa magħluqa fil-kaxxa tal-fidda (u waħda mir-raġunijiet li għalquha fil-kaxxa kienet għax l-Insara, qabel, meta jbusuha, kienu jigdmuha u jaqtgħu l-frak minnha bi snienhom, biex jeħduh magħhom lejn pajjiżhom, meta kienu jkunu ġew mill-bgħid).

Imma ġara, li fis-sena 611, Kosroas, sultan tal-Persja, ħabat għar-Rumani u għalibhom. Ftit wara Erakliju, ħakem Ruman fl-Eġittu, għadu ta' Kosroas, laħaq Imperatur, u għal hekk Kosroas aktar telagħlu. Imkabbar bil-qawwa tax-xwabel u tan-nies tiegħu, Kosroas resaq lejn il-Għarb u ħabat għall-Mesopotamja (fejn il-lum jgħidulu l-Għiraq), is-Surija u l-ibliet kbar tal-qrib, u fl-aħħar wasal Ġerusalem, u hemm wera l-mibgħeda kollha li kellu lejn l-Insara. Hemm qatel għadd kbir ta' rhieb u qassisin, kull fejn sabhom, u ġarraf u ħaraq il-knejjes kollha li kienet bniet Santa Liena (barra mill-knisja mibnija fuq il-Għar ta' Betleħem) fosthom l-Anastasi u l-Martyrion. Minn hemm seraq il-Għuda tas-Salib, bil-kaxxa tal-fidda mżejna bil-ġawhar, li kienet ġewwa fiha, u ħadha lejn il-Persja. Dan kien fis-sena 614.

L-Imperatur Erakliju, li kien Nisrani, sogħob bih wisq għal dak li kien għamel Kosroas, Sultan tal-Persja. Għal hekk ġabar it-tajfa tiegħu, għammarha bl-aħjar għodda għat-taqbid, u b'ħeġġa kbira u twemmin qawwi, resaq lejn ix-Xerq, u mogħni bix-xbieha ta' Ġesù fuq sidru, ħabat għal Kosroas u qatillu ħafna nies u qabad 50,000 min-nies tat-tajfa tiegħu. Ta' għaqli li kien Erakliju lil dawn ma għamlilhom ebda ħsara, imma minn fuq raġa' tahom il-ħelsien. Għal hekk, dawn, minn għedewwa ta' l-Insara, meta raw il-ħniena ta' l-Imperatur Nisrani, qalbu u saru l-aqwa ħbieb tagħhom, u b'hekk il-Ħakkiema Persjani sfaw milgħubin. Tarġa' Siroas, iben Kosroas,



L-Ġiebja fejn Santa Liena sabet is-Salib Imqaddes, li l-lum hi magħmula Kappella.

imdejjaq bil-kefrija ta' missieru, għamel għalieh u qatlu biex jeħles minnu, u ftit wara għamel ħbieb mar-Rumani u ma' l-Insara u ħeles mill-jasar lil Zakkarija, Patrijarka ta' Ġerusalem.

L-ewwel ħaġa li għamel Erakliju, wara li sar ħabib tal-Persjani, talab li tirtaddlu l-Għuda tas-Salib, li kienet fil-Persja, u li kienet ilha misruqa erbagħtax-il sena, u nieqsa mill-qima li tistħoqqilha. Siroas tahielu u b'qima kbira l-Imperatur l-ewwel ħadha Kostantinopli u wara, fir-rebbiegħa tas-sena 629, ħadha Ġerusalem mill-ġdid.

Meta wasal l-Imperatur bil-Għuda tas-Salib, f'Ġerusalem sar għid kbir.

L-Imperatur Erakliju ried li jarfa' hu n-nifsu fuq ktiefu l-Għuda Mqaddsa mill-Wied ta' Kedron, it-triq kollha, sal-Kalvarju, b'qima lejn Ġesù. Għal hekk, ħiemel l-Għuda Mbierka, tala' t-taraġ tal-Wied, daħal minn Bieb Id-Deheb, għadda min-nofs il-ħerba tat-Tempju tal-Lhud, ħareġ għal ġewwa l-belt u kien sa jibda tiela' t-telgħa li tieħu lejn il-Kalvarju.

Imma fil-bidu tat-telgħa ġara ħaġa. Għax fil-bidu tat-telgħa, l-Imperatur waqaf jistrieħ ftit, u meta ġie biex jarġa' jerfa' l-Għuda Mqaddsa, sabha hekk tqila, li ma satax iċaqlaqha, anqas bil-għajnuna ta' ħafna rġiel.

Il-Patrijarka ta' Ġerusalem, Żakkarija, li kien ma' l-Imperatur, malajr intebaħ x'kienet il-ħtija ta' dak li ġara. Għal hekk qal lill-Imperatur li Ġesù kien tala' dik it-telgħa, ħiemel dik l-Għuda, imsawwat u mżeblaħ, u ma riedx li ħadd ieħor iġorrha liebes ta' sultan.

Emmen l-Imperatur dak li għarrfu l-Patrijarka, u neża' malajr il-klil imdieheb minn rasu, il-ħwejjeġ ilellxu minn fuqu, u x-xedd artab minn saqajh. Hekk, xuxa u ħafi, liebes qmis twila u mħażżem b'biċċa ħabel, l-Imperatur raġa' rafa' l-Għuda Mqaddsa u tala' biha lejn il-Martyrion (li wieħed qassis, Modestu, kien sewwieh kif sata', wara li l-Persjani ġarrfuh) biex iqegħedha hemmekk.

Erakliju waqqaf il-Għuda tas-Salib ġol-kappella maqtugħa fil-blat, tmiss mal-ġiebja fejn kienet sabitu S. Liena. Dil-kappella tinsab taħt il-Martyrion, u għadha hemm sal-lum, u tinżel fiha minn 29 tarġa. Issa tinsab f'idejn l-Armeni, imma l-Franġiskani għandhom il-jedd li jagħmlu waqfa fiha ma' tul il-purċissjoni li jagħmlu fil-Bażilka kull jum, wara nofs in-nhar.

Il-Għuda tas-Salib, imma m'għadhiex hemm, għax meta l-Għarab kienu resqin fuq Ġerusalem, il-Għuda Mqaddsa ttieħdet Kostantinopli u kienet maqsuma fi bċejjeċ u mibgħuta lill-knejjes Insara mad-dinja kif iddur.

Kull xorta t'Insara għandhom qima kbira lejn is-Salib u jagħmlu tiegħu ħafna btajjel. Fit-3 ta' Mejju, issir il-btala ta' meta Santa Liena sabitu. Fl-14 ta' Settembru, meta Erakliju radd il-Għuda lejn Ġerusalem. Fis-6 ta' Mejju l-Griegi jfakkru d-Dehra tas-Salib lil Kostantinu, l-Armeni jagħmlu tifkira fis-26 ta' Frar, il-jum li fih deher is-Salib fuq il-għolja ta' Varagh, fl-Armenja ta' fuq, fis-sena 653. Għid ieħor tas-Salib jagħmlu l-Griegi fl-1 ta' Awissu. Hemm wisq għejjeda oħra f'ġieħ is-Salib li jsiru fi bliet u rħula tad-dinja. Fosthom dik ta' Spanja, imsejħa r-Rebħa tas-Salib, tifkira tal-jum li fih l-Insara Spanjoli għalbu lil Għarab Mori, li kienet imwaqqfa mill-Arċisqof ta' Toledo fis-16 ta' Lulju 1212.

P. Gwidu Schembri, O.F.M.

---

## QWIEL TAL-PALESTINA

*Suħbet il-qawâreb żej qirs il-għaqâreb.* Ifisser: il-ħbeberija mal-qraba, bħat-tingiż tal-għaqiereb; għax il-qraba m'humhiex ħlief iwissuk u jgħidulek: "Int ħmar, int injurant, għax kien imissek tagħmel hekk u hekk. Ara li ma tmurx hemm, ma tagħmilhiex ma' dak." U dejjem sejrin ireddnu biex iġiegħluk taħseb li jridu jiftħulek għajnejk, imma jkunu jridu jressqu n-nar lejn xawathom.

*Rabbna qal: Qum ta-aqum magħak, m'hux: Nam, ta-atmagħak.* Jiġifieri: Alla jgħidlek: Qum u jiena wkoll inqum ngħinek; m'hux: Orqod, ħalli nġiblek x'tiekol. Ifisser li l-bniedem għandu jagħmel ħiltu fid-dinja, mhux jitgħażżen u jitma' fil-ġar.

*La tkun rotob li jagħsruk, u la jebes li jeksruk.* Ma hux meħtieġ infissru dal-qawl, għax qisu bil-Malti, u t-tifsir tiegħu ċar.